



Brussell, 11 ta' Marzu 2025  
(OR. en)

6604/25

**LIMITE**

**CORLX 245  
CFSP/PESC 354  
COMET 18  
COTER 34**

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom

---

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/...**

**ta' ...**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693  
dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh)  
u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impriżi  
u entitajiet assoċjati magħhom**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-20 ta' Settembru 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693<sup>1</sup>.
- (2) Fid-dawl tat-theddida kontinwa mill-ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u minn persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom, jenħtieġ li tiżdied entità waħda mal-lista ta' persuni, gruppi, impriżi u entitajiet stabilita fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 tīgi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1693 tal-20 ta' Settembru 2016 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2002/402/PESK (ĠU L 255, 21.9.2016, p. 25, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2016/1693/oj>).

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

## **ANNESS**

Fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693, l-entrata li ġejja tiżdied taħt l-intestatura "B. Gruppi, impriżi u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 3":

"7. Al-Azaim Media Foundation.".

---

